MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 71/2009/1

**Carmelo sive Charles Saliba**

**v.**

**L-Avukat Generali in rapprezentanza tal-Gvern ta' Malta,**
**Dottor Joseph Zammit Tabona, Raffaella Zammit Tabona,**
**Andrea Zammit Tabona**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tar-rikorrent Carmelo sive Charles Saliba minn sentenza moghtija fis-7 ta' Ottubru 2011 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha li permezz taghha dik il-Qorti laqghat l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-intimati u konsegwentement cahdet it-talbiet kollha tal-istess rikorrent bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

**Ir-rikors promotorju tar-rikorrent Carmelo sive Charles Saliba**

**2.** Bir-rikors tieghu tat-18 ta' Dicembru 2009 ir-rikorrent Carmelo sive Charles Saliba talab lill-ewwel Onorabbli Qorti:
"(1) tiddikjara li l-agir fuq imsemmi partikolarment imma mhux esklussivament fin-nuqqas tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenzi taghha tal-10 ta' Ottubru 2006 u tal-4 ta' Marzu 2008 u dik tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru 2009 kif ukoll id-digrieti kollha li nghataw fil-kawza gja' msemmija in segwitu ghas-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet "Dr Joseph Zammit Tabona et vs Carmelo sive Charles Saliba", Citazzjoni Numru 1196/2000 billi

"(a) ma applikawx il-grad rigoruz tal-prova accettat mill-gurisprudenza ingliza u abbraccat mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell, kif ukoll
(b) ma applikawx il-principju generali tad-dritt li min jallega jrid jipprova u mhux bl-invers, u kif ukoll
(c) bic-cahda ghall-produzzjoni tax-xhud May Zammit Tabona quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili kif ukoll
(d) bin-nuqqas ta' provvediment mill-Onorabbli Qorti tal-Appell dwar it-talba ghall-produzzjoni ta' Francis Saliba

jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli u dan kif protett mill-Artikolu 39(1)(2) u (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta permezz tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.

“(2) taghti dawk ir-rimedji xierqa u opportuni sabiex jigu indirizzati tali vjolazzjonijiet fosthom:-

“(a) jigu dikjarati vvizjati s-sentenzi moghtija mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta’ Ottubru 2006 u tal-4 ta’ Marzu 2008 kif ukoll id-digrieti kollha li nghataw fil-kawza gja’ msemmija in segwitu ghas-sentenza tal-10 ta’ Ottubru 2006 fl-ismijiet “Dr Joseph Zammit Tabona et vs Carmelo sive Charles Saliba” u dik tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-6 ta’ Ottubru 2009 fl-istess ismijiet: “Dr Joseph Zammit Tabona et vs Carmelo sive Charles Saliba” (Citazzjoni numru 1196/2000) kif ukoll it-taxxa tal-ispejjez u drittijiet tal-imsemmija kawza u kull att gudizzjarju iehor sussegwenti u relatat u ghalhekk thassar u tannulla listess sentenzi, digrieti u atti gudizzjarji;
(b) li r-rikorrenti qieghed fil-qaghda li kien qabel ma nghataw is-sentenzi tal-10 ta’ Ottubru 2006 u tal-4 ta’ Marzu 2008 kif ukoll id-digrieti kollha li nghataw fil-kawza gja’ msemmija in segwitu ghas-sentenza tal-10 ta’ Ottubru 2006 mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili u dik tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza tagHa tas-6 ta’ Ottubru 2009 fl-ismijiet “Dr Joseph Zammit Tabona et vs Carmelo sive Charles Saliba” (Citazzjoni Numru 1196/2000);
(c) tordna li l-kawza (Citazzjoni Numru 1196/2000) fl-ismijiet “Dr Joseph Zammit Tabona et vs Carmelo sive Charles Saliba” tigi mismugha mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili u deciza fuq il-grad ta’ probabilita’ b’mod rigoruz kif fuq imsemmi u abbraccat fil-gurisprudenza Ingliza u mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Maltija fis-sentenza gja’ msemmija kif ukoll fuq il-principju li min jallega jrid jipprova l-fatti allegati skont il-ligi kif trid il-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet, u
(d) tillikwida d-danni li gew sofferti mir-rikorrent u tordna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti l-istess danni hekk likwidati.”

**3.** Illi in sostenn tat-talbiet tieghu ir-rikorrent fir-rikors promotorju tal-gudizzju beda biex ta r-ragunijiet segwenti u ghamel is-segwenti premessi ta’ fatt:

“Illi permezz ta’ citazzjoni pprezentata fir-registru tal-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Gunju 2000, l-intimati Zammit Tabona talbu illi l-imsemmija Onorabbli Qorti:

“(a) tiddikjara li r-rikorrent kien il-promotur u organizzatur ta’, u li ha sehem attiv fir-rapina li saret kontra l-atturi fid-dar taghhom ta’ abitazzjoni 68 Main Street, San Giljan fil-lejl tat-12 ta’ Mejju 1995.
(b) tiddikjara illi r-rikorrent responsabbli lejn l-atturi ghad-danni kollha minnhom sofferti minhabba l-istess rapina.
(c) tillikwida l-istess danni, u
(d) tikkundanna lir-rikorrent ihallas lill-atturi appellati, bl-imghax mid-data tas-sentenza, l-ammont kollu tad-danni hekk likwidati, bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Lulju 1998.

“Illi permezz tan-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, r-rikorrent eccepixxa inter alia illi, assolutament ma huwiex minnu illi huwa b’xi mod kien partecipi fis-serqa tat-12 ta’ Mejju 1995 imsemmija mill-atturi u l-pretensjoni tal-atturi hija kompletament bla bazi u hija ntiza biss sabiex tikkawza danni lill-konvenut kif ahjar dettaljatament spjegat fil-Protest Gudizzjarju pprezentat mill-konvenut kontra listess atturi fis-26 ta’ Gunju, 2000.

“Illi permezz ta’ sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet “Dr Joseph Zammit Tabona u martu May Zammit Tabona versus Charles sive Charlie Saliba” fl-10 ta’ Ottubru 2006, dik il-Qorti laqghet l-ewwel zewg talbiet tal-atturi; qalet li r-rikorrent kien ha sehem fis-serqa mid-dar tal-attur fit-12 ta’ Mejju 1995 u wara li rat l-artikolu 1049 tal-Kodici Civili qalet li r-rikorrent ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni kollha li garrbu l-atturi u ordnat li jitkompla s-smiegh ghall-ghanijiet tat-talbiet lohra.

“Illi permezz ta’ dikriet moghti ukoll fl-10 ta’ Ottubru 2006, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili tat lill-atturi appellati zmien biex jipprezentaw prospett tad-danni minnhom pretizi.  L-atturi minflok ma pprezentaw prospett kif awtorizzati mill-Qorti pprezentaw affidavit ulterjuri tal-attur fit-13 ta’ Novembru 2006 u permezz ta’ rikors ipprezentat mir-rikorrent fit-8 ta’

Jannar 2007 ir-rikorrent talab l-isfilz tal-istess affidavit tal-attur tat-13 ta' Novembru 2006 stante li dan jikkostitwixxi prova gdida minghajr awtorizzazzjoni tal-Qorti, wara li l-atturi kienu ghalqu l-provi taghhom fis-27 ta' Mejju 2004.

"Illi permezz ta' dikriet moghti fl-4 ta' Marzu 2008, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talba tarrikorrent ghall-isfilz tal-affidavit tal-attur Dr Joseph Zammit Tabona.

"Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Marzu 2008, il-Qorti ddisponiet mit-tielet u r-raba' talbiet tal-atturi billi llikwidat id-danni li garrbu l-atturi fis-somma ta' mija u tletin elf, erba' mija u wiehed u erbghin euro u tnejn u erbghin centezmu (€130,441.42) ekwivalenti ghal LM55,998.50 u kkundannat lir-rikorrent ihallas lill-atturi appellati d-danni hekk likwidati flimkien mal-imghax u l-ispejjez mitluba fic-citazzjoni.

"Illi l-esponent interpona appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell u b'sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2009, fl-ismijiet "Dr. Joseph Zammit Tabona et vs Charles Saliba", l-Qorti tal-Appell cahdet l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

"Illi kemm quddiem il-Prim'Istanza u kif ukoll quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, ir-rikorrent issottometta li biex ikollu smiegh xieraq, il-grad tal-prova rikjesta f'din il-kawza ried ikun wiehed aktar rigoruz minn dak tas-semplici bilanc ta' probabilitajiet f'kawzi civili fejn l-allegazzjoni ma tkunx wahda ta' reat.

"Illi l-esponent issottometta dan fuq l-iskorta ta' gurisprudenza anglo sassona nutrita."

**4.** Illi wara l-premessi fuq riprodotti ir-rikorrent fir-rikors promotorju tal-gudizzju ghadda sabiex jiccita estensivament minn sentenzi u awturi Inglizi sabiex juri x'inhi l-pozizzjoni fid-dritt Ingliz u accenna wkoll ghal dak li gie ritenut fid-dritt Skocciz u f'dak Awstraljan u dan biex

isostni li fir-rigward ta’ certu allegazzjonijiet “il-piz tal-prova illi jrid jigi adoperat japplika kemm fir-rigward tal-grad fil-kamp Civili huwa l-istess bhal fil-kamp kriminali” u li ghalhekk il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili kif ukoll il-Qorti tal-Appell fil-kawza civili kontra tieghu kellhom jiddeciedu illi l-grad tal-prova ghandu jkunu kif ritenut fil-gurisprudenza estera kkwotata minnu u kellhom fil-fehma tieghu jiehdu in kunsiderazzjoni bhala fattur mill-aktar relevanti il-gravita’ tal-akkuza migjuba mill-intimati Zammit Tabona sabiex il-Qorti tara jekk il-piz civili tal-prova giex sodisfatt. Ir-rikorrent sostna li l-Qrati Civili kellhom iqisu li l-elementi ta’ gravita’ kienu parti minn firxa ta’ cirkostanzi li l-Qorti trid tizen meta hija tara jekk il-kaz quddiemha giex ippruvat fuq il-bilanc tal-probabilitajiet kwalifikat kif inghad fil-kawza **Hornal vs Neuberger Products Ltd 1957**. Huwa kompla jzid li addirittura l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha msemmija tas-6 ta’ Ottubru 2009 kienet abbraccjat pienament il-gurisprudenza Ingliza imsemmija izda fis-sentenzi taghhom la l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili f’’dawk tal-10 ta’ Ottubru 2006 u tal-4 ta’ Marzu 2008 u anqas il-Qorti tal-Appell f’dik tas-6 ta’ Ottubru 2009 ma kienu applikaw il-principju msemmi tant li skont ir-rikorrent il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-sentenzi taghha msemmija ghalkemm irriskontrat diversi inkonsistenzi fix-xhieda tal-attur kien biss fuq bilanc pjenament ta’ probabbilita’ li ghazlet li temmen lill-attur li kien gharaf lir-rikorrent.

**5.** Ir-rikors promotorju tal-gudizzju imbaghad jissokta kif gej:

“Illi similment l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma ghamlet xejn biex tirrimedja ghal dan il-grad purament bi propondersnza ta’ probabilitajiet u b’mod xjentifiku aktar rigoruz meta ghazlet li ma tiddisturbax l-insenjament tal-Ewwel Qorti benche’ l-ewwel Qorti ma kienetx applikat il-grad aktar rigoruz u invece, minkejja li l-Qorti tal-Appell qablet li ghandu jigi applikat u kellu jigu applikat il-grad aktar rigoruz, ghazlet li hija wkoll, l-istess Qorti tal-Appell, ma tapplikax dan il-grad aktar rigoruz.

“Illi imbaghad fil-likwidazzjoni tad-danni kemm l-ewwel Qorti kif ukoll il-Qorti tal-Appell bir-rispett kollu dovut

lejhom ikkapovolgew il-principji probatorji u minkejja li l-intimati ma ressqu lil hadd biex jikkonferma bil-gurament id-danni minnhom pretizi, d-danni reklamati gew accettati mill-Qorti ghaliex skont il-Qrati kien jispetta lir-rikorrent jipprova kontra d-danni reklamati pero' bl-ebda mod sorretti minn prova guramentata, jigi umilment sottomess li hawn ukoll is-sentenzi jilledu l-principju ta' smigh xieraq.

“Illi l-esponent umilment jissottometti li kif hu gie hekk applikat dan il-grad aktar rigoruz u kieku gie applikat il-principju basilari tad-dritt *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat* ma kienet tezisti l-ebda raguni valida fil-ligi biex jigu akkolti t-talbiet tal-intimati Zammit Tabona.

“Illi di piu l-esponenti gie mcahhad milli jipproduci xi xhieda fl-istess kawza. Infatti gie mcahhad milli jipproduci ghall-kontro-ezami hadd aktar mill-istess attrici Maria Carmela sive May Zammit Tabona. Fl-atti tressaq mill-attur, l-intimat Dottor Joseph Zammit Tabona affidavit li allegatament kienet ghamlet l-istess May Zammit Tabona. Ir-rikorrent mill-ewwel stqarr – u dana jirrizulta mill-atti – li huwa ma jemminx li verament dak imsemmi fl-istess affidavit huwa dak li qed tistqarr l-imsemmija May Zammit Tabona u l-esponent ghamel tentattiv wara l-iehor kif jirrizulta mill-verbali tas-seduti quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili biex jipproduci lill-istess May Zammit Tabona biex tixhed anke permezz ta' ingunzjonijiet appoziti. Fis-seduti dejjem tressaq xi certifikat mediku u finalment anke ttella' Tabib biex jixhed dwar l-istat mentali tal-imsemmija May Zammit Tabona. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet id-dritt lill-esponent li jressaq din ix-xhud – xhud li l-esponent ihoss li kienet importantissimu ghaliex din ix-xhud setghet tixhed dwar jekk effettivament ratx lilu fil-jum tas-serqa jew jekk issemmewx il-kliem “Bramel tad-Deheb” kif jallega l-intimat Dottor Zammit Tabona. Jigi umilment sottomess li specjalment meta l-Qorti kienet qed taghti tant piz lil dawn iz-zewg allegazzjonijiet tal-attur kien assjomatiku u necessarju fid-drtitt li tithalla tixhed l-unika persuna li setghet tikkorrobora jew tinficja t-tezi tal-attur. In-nuqqas tax-xhieda viva voce u in kontro-ezami ta' dan ix-xhud cahad gravament id-dritt tas-smiegh xieraq ghaliex tellef

lill-esponent il-prova chiave li dak kollu li kien qed jallega l-intimat Dr Zammit Tabona dwar rikonnoxximent u dwar bramel tad-deheb mhux veru sehh.

"Illi l-esponent hassu wkoll aggravat min-nuqqas tal-Qorti tal-Appell li tipprovdi dwar it-talba tieghu biex jipproduci bhala xhud lil huh l-iehor Francis Saliba kif talab l-istess esponent a fol 20 tar-Rikors tal-Appell tieghu. L-esponent jirrileva li l-ebda stadju fil-process kollu quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell u addirittura lanqas fis-sentenza taghha tas-6 ta' Novembru 2009 ma kkunsidrat u/jew ipprovdiet dwar din it-talba.

"Illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija u b'nuqqas serju tal-amministrazzjoni tal-gustizzja, l-esponent gie mcahhad mid-dritt tieghu ghal smiegh xieraq kif protett bl-Artikolu 39(1) (2) u (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet inkorporata fil-Ligijiet tal-Malta permezz tal-Kap. 319 tal- Ligijiet.

"Illi senjatament imma minghajr pregudizzju ghall-premess in-nuqqas lamentat tal-Qorti li tapplika l-istandard korrett tal-prova kif ukoll il-principju legali li huwa min jallega li jrid jipprova jigi umilment sottomess li jivvjola d-dritt kostituzzjonali tal-esponent tal-presunzjoni tal-innocenza sakemm ma tigix pruvat skont il-ligi xi htija.

"Illi dan ippregudika wkoll il-qaghda tal-esponent u qed jikkawzawlu danni ingenti partikolarment f'sahhtu minhabba li finalment spicca kkundannat u misjub hati li seraq minghand l-intimati mentri dan l-esponent kategorikament jaf li mhux minnu."

### Ir-risposta tal-intimat Avukat Generali

**6.** Fir-risposta tieghu tal-14 ta' Jannar 2010 l-Avukat Generali irribatta l-pretensjonijiet tar-rikorrent billi sostna li r-rikors tieghu kien wiehed frivolu u vessatorju u abbuziv tal-process gudizzjarju peress li ma kienx hlief appell inammissibbli minn sentenza tal-Qorti tal-Appell u kien jaddotta l-procedura straordinarja kostituzzjonali minghajr

ma ezawrixxa r-rimedji ordinarji u fi kwalunkwe kaz ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent appellant imharsa bl-artikoli 39(1)(2)(5) tal-Kostituzzjoni u bl-artikoli 6(1)(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**Ir-risposta tal-intimati Zammit Tabona**

**7.** Fir-risposta motivata taghhom tal-istess data, u cioe' tal-14 ta' Jannar 2010, l-intimati Zammit Tabona wiegbu ghar-rikors promotorju tar-rikorrent billi sostnew li r-rikors promotur ma kienx hlief appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell meta dan ma hux proceduralment accettabbli fil-ligi ta' Malta u ghalhekk jammonta ghal abbuz tal-process gudizzjarju. Sostnew ukoll li ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta taghhom ma kien hemm ebda vjolazzjoni tal-artikoli tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni invokati mir-rikorrent u li ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez.

**Is-sentenza appellata.**

**8.** Wara li rriproduciet ir-rikors promotorju tal-gudizzju u r-risposti tal-intimati l-ewwel Qorti tat sunt tal-fatti tal-kaz fil-qosor u rrikapitulat fil-qosor is-sottomissjonijeit u l-eccezzjonijiet tal-partijiet u ghaddiet sabiex taghmel il-kunsiderazzonijiet taghha dwar l-eccezzjonijiet preliminari tal-intimati u dwar id-diversi artikoli tal-Konvenzjoni li allegatament gew miksura.

**9.** Ghandu jinghad li l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet preliminari tal-intimati dwar li r-rikors promotur huwa frivolu u vessatorju u abbuziv tal-process gudizzjarju u li ma hu xejn ghajr appell mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fil-proceduri civili ordinarji kif ukoll in kwantu r-rikorrent, skont l-intimati, kellu ghad-dispozizzjoni tieghu mezzi ordinarji ta' rimedju u cioe' dak tar-ritrattazzjoni. Peress li ma kienx hemm appell minn hadd mill-intimati minn din il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti li per konsegwenza ghaddiet in gudikat din il-Qorti ma hix ser tidhol fil-

kunsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti dwar din il-parti tas-sentenza appellata.

**10.** Wara li pprecizat li l-kompitu taghha ma kienx li tiddeciedi jekk il-Prim Awla u sussegwentement il-Qorti tal-Appell iddecidewx sewwa jew le, izda jekk, kif qieghed jallega r-rikorrent, kienx hemm vjolazzjoni tad-drittijiet tieghu kif protetti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, l-ewwel Qorti accennat mill-gdid ghas-sottomissjonijiet ewlenin tar-rikorrent u ghaddiet sabiex taghmel il-kunsiderazzjonijiet li gejjin dwar il-mertu tal-allegata lezjoni tal-artikoli 39(1)(2) u (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikoli 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet.

**11.** Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent li biex ikollu smigh xieraq fil-proceduri civili kontra tieghu il-grad tal-prova li kellu jigi mehtieg kellu jkun aktar rigoruz minn dak tas-semplici bilanc ta' probabilitajiet u dan in vista tal-fatt li l-kawza civili kienet tittratta minn allegazzjoni ta' reat kriminali l-ewwel Qorti kellha dan xi tghid:

"La mill-legislazzjoni u lanqas mill-gurisprudenza nostrana ma jirrizulta dan il-principju ta' prova fuq bilanc ta' probabilitajiet "ikkwalifikata" u aktar rigoruza li ghalih jaghmel riferenza r-rikorrent. Effettivament ir-rikorrent ma jaghmel ebda referenza ghall-artikoli tal-ligi jew gurisprudenza lokali jew dik tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li japplikaw dan il-principju. Ir-rikorrent donnu qed jinsa' li l-kawza in kwestjoni taqa taht il-kappa ta' kawza civili u kwindi tal-ligi civili u mhux taht dik kriminali. Ir-rikorrent ghadda minn process civili quddiem Qrati Civili. Hu minnu li l-kawza kienet ibbazata fuq il-kommissjoni ta' reat kriminali pero' ma jistax jinghad li l-kawza kienet dwar reat kriminali. Din kienet kawza ta' natura civili u cioe' ghall-likwidazzjoni ta' danni kawzati minhabba li allegatament gie kommess reat kif ukoll ghall-kundanna tal-hlas tal-istess danni. Essenzjalment il-kawza hi ta' natura civili u ma jistax jinghad li bhala konsegwenza r-rikorrenti gie misjub hati tar-reat in kwestjoni, huwa, semplicement, gie ritenut li kellu jirrispondi ghad-danni sofferti bhala konsegwenza tar-reat

u gie kkundannat ihallas l-istess danni. Il-kawza tibqa essenzjalment ta’ natura civili u l-kwestjoni jekk il-konvenut ghandux jigi ritenut reasponsabbli ghad-danni relativi ghandhom jigu decizi, kif jigu decizi l-kawzi civili l-ohra fuq bilanc tal-probabilitajiet. F’tali decizjoni l-Qorti tista tevalwa l-gravita’ tar-reat in kwestjoni u l-probabilitajiet kemm il-konvenut seta kien partecipi fir-reat, pero’ l-istess decizjoni ghandha dejjem tkun ibbazata fuq il-probabilita’ u r-ragionevolezza tal-allegazzjoni tal-attur.

“Il-principju tal-probabilitajiet “ikkwalifikat” m’ghandux post fl-ordinament guridiku taghna. Inoltre jigi enfasizzat li la l-Qorti tal-Appell u lanqas il-Prim Awla ma sabet li r-rikorrenti hati ta’ xi reat. Jigi ribadit li peress li hawnhekk qeghdin fil-kamp civili, il-Qrati ghandhom japplikaw il-grad tal-“balance of probabilities” kif fil-fatt ghamlu, u jidher li dan il-grad intlahaq meta l-Qrati in kwetjoni wasslu ghall-konvinciment morali li fuq tali konvinciment it-talbiet tal-atturi Zammit Tabona kellhom jigu akkolti.

“Fir-rigward tal-ilment tar-rikorrenti li huwa instab hati ta’ reat kriminali min Qorti Civili jinghad li fil-kawza deciza fil-25 ta’ Mejju 2010 mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet “Francis Vella vs Avukat Generali” intqal mill-Ewwel Qorti li “l-ghan tal-imsemmija kawzi... ma ghandhom l-ebda hsieb li jsibu lir-rikorrent...hati ta’ xi reat...” u kompliet izzid illi “il-procedura civili u dik kriminali huma zewg proceduri distinti, b’karattru u b’karatteristici differenti minn xulxin. In oltre, huma proceduri illi jimxu separatament minn xulxin, fejn il-piz u l-grad ta’ prova mehtiega ivarjaw wahda minn l-ohra.” Fl-istess kawza l-Qorti Kostituzzjonali kompliet tispjega d-differenzi bejn il-kawzi civili u dawk kriminali u irriteniet illi “l-Qorti ma tara xejn illogiku jew kontra d-drittijiet fondamentali tal-bniedem fil-principju li l-process kriminali u dak civili ghandhom jitqiesu separati u distinti minn xulin, ghax process kriminali jitmexxa fil-parti l-kbira mill-Istat, ghandu regoli partikolari ghalih u immirat ghall-imposizzjoni ta’ piena f’isem il-kollettività. Il-process civili, minn naha l-ohra, jitmexxa mill- individwu fl-interess tieghu biss, u hu immirat mhux ghall-imposizzjoni ta’ piena, izda ghar-restituzzjoni in integro tad-drittijiet tieghu” u “kull decizjoni li tinghata wara process civili ma tistax

taffettwa l-htija jew innocenza tal-persuna....Xorta wahda jibqa' innocenti kriminalment, izda daqs tant iehor jibqa' responsabbli ghall-konsegwenzi tal-agir tieghu. Ir-responsabbiltà civili hija 'fault based' u mhux bazata fuq sejbien ta' htija minghajr dubju ragonevoli."

"Skond il-ligi civili, kull cittadin milqut hazin bl-agir ta' haddiehor jista' fi procedura civili jitlob rimedju mill-Qorti ghall-hsara li garrrab. Fis-sentenza citata hemm ukoll referenza ghal dan id-dritt u f'dan l-istess rigward l-imsemmija Qorti rritenit "illi kull persuna li tkun garrbet hsara jew dannu minhabba ghamil li jkun ukoll reat ghandha l-possibilità li tikseb kumpens ghal dak l-istess ghemil fi procedura civili taht il-kappa tal-htija akwiljana." Dan huwa rimedju li taghti l-ligi u huwa r-rimedju li rrikorew ghalih l-intimati Zammit Tabona meta bdew il-kawza civili kontra Carmelo Saliba. Il-Qorti tal-Apell Civili u tal-Ewwel Istanza ma sabux lir-rikorrent Carmelo Saliba hati ta' xi reat, imma fuq il-provi mressqa mill-atturi (li nstabu illi kienu aktar konvincenti minn dawk prodotti mirrikorrent Carmelo Saliba) sabu lir-rikorrent Carmelo Saliba responsabbli civilment ghad-danni kollha sofferti mill-atturi.

"Kwindi, fuq dawn ir-ragunijiet, m'ghandux ragun ir-rikorrent meta jghid illi l-grad ta' prova adoperat mill-Qrati Civili kellu jkun b'xi mod ikkwalifikat u aktar rigoruz minn dak illi fil-fatt gie applikat. Lanqas ma ghandu ragun jghid illi bil-grad ta' prova illi fil-fatt gie applikat gie vjolat lilu xi dritt fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq."

**12.** In kwantu r-rikorrent ilmenta mill-mod kif saret l-identifikazzjoni tieghu da parti tal-intimat Joseph Zammit Tabona li jallega wkoll kienet leziva tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq, l-ewwel Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet li gejjin:

"Id-disposizzjoni legali dwar l-gharfien tal-identità tal-persuna, u cioe l-artikolu 648 tal-Kap 9 (Kodici Kriminali)

ma jistax jitqies li hu regola fih inniffisu dwar l-identifikazzjoni ta’ persuna. In effett l-imsemmi artikolu jispecifika biss dak li mhux mehtieg meta ssir identifikazzjoni. Dan l-istat ta’ fatt hu kkonfermat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta’ Lulju 1998 fil-kawza fl-ismijiet “Pulizja vs Stephen Zammit”. Konsegwentement il-legislatur ihalli fil-prudenza tal-Qorti sabiex tirregola l-kaz hija dwar il-prova tal-identifikazzjoni. Hekk gara fil-kaz in esami quddiem il-Prim Awla. Jista jinghad li l-identifikazzjoni in kwestjoni mill-intimat Dottor Joseph Zammit Tabona wasslet ghall-konvinciment morali da parti tal-gudikant. Inoltre r-rikorrent ma jressaq ebda prova, u lanqas ma jirrizulta bl-ebda mod, illi l-ezercizzju li ghamlet l-imsemmija l-Ewwel Qorti ma kienx legittimu jew illi kien hemm xi haga li twassal ghall-inammissibilità tal-identifikazzjoni li saret. In effett il-Prim Awla stabbiliet, a bazi tal-indizji u tal-provi l-ohra fil-process, li l-identifikazzjoni ta’ Carmelo Saliba mill-intimati saret b’mod konvincenti u wasslet sabiex ghall-finijiet tar-responsabbilità tad-danni din ir-responsabbilita` giet attribwita lir-rikorrenti. Fil-fatt, jirrizulta illi l-Prim Awla ghamlet apprezzament tal-provi b’mod dettaljat u wasslet ghall-konviciment li r-rikorrenti Carmelo Saliba kien fil-fatt il-persuna involuta fis-serqa. Imbaghad il-Qorti tal-Appell ma rat ebda raguni ghalfejn hija kellha tiddisturba l-konkluzjoni li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti. Il-Qorti tal-Appell irreteniet illi “fil-kaz in esami l-Ewwel Qorti waslet biex temmen lill-attur Zammit Tabona. Jidher ghalhekk li l-Ewwel Qorti, esaminati il-provi kollha, waslet ghall-konvinciment morali li l-ewwel talbiet attrici kellhom mis-sewwa u li konsegwentement kellhom jintlaqghu.

“Kwindi, a bazi ta’ dan kollu li ntqal aktar ‘l fuq, ma hemm xejn fil-proceduri quddiem il-Prim Awla u l-Qorti tal-Appell li jivvjolaw xi dritt fondamentali tar-rikorrent kwantu ghall-identifikazzjoni tar-rikorrenti da parti tal-intimat Dottor Joseph Zammit Tabona. Lanqas ma ghandu ragun ir-rikorrent fl-ilment tieghu illi l-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-sentenzi taghha u l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha kif ukoll id-dikrieti kollha li nghataw fil-kawza in kwestjoni ma gewx applikati il-principji generali tad-dritt li min jallega jrid jipprova u mhux bl-invers. L-intimati Zammit Tabona fil-

fatt irnexxielhom iressqu provi li tqiesu sufficjenti mill-Qorti, li wara li gharblet u esaminat dawn l-istess provi migjuba quddiemha, waslet ghal dak il-grad ta' konvinciment morali sabiex tkun f'posizzjoni li tilqa' t-talba tal-istess intimati.

**13.** Imbaghad, dwar ll-ilment tar-rikorrent li gie mcahhad milli jipproduci bhala xhud in kontro ezami lil May Zammit Tabona u bhala xhud tieghu fl-Appell lil huh Francis Saliba l-ewwel Qorti kkunsidrat li:

"Hu permisibli, skond il-ligi, li parti tista tixhed f'proceduri quddiem il-Qorti permezz tal-affidavit. Kwindi, l-attrici May Zammit Tabona kellha kull dritt tipprezenta l-affidavit taghha. Wara li l-imsemmija attrici ppresentat l-affidavit sahhitha marret lura u ma setax issirilha l-kontro-ezami. Dan l-istat ta' fatt dwar is-sahha tal-imsemmija attrici gie ccertifikata mit-tabib kuranti taghha li kkonferma c-certifikati minnu rilaxxati. Ghalhekk kien hemm raguni valida ghalfejn ma sarx il-kontro ezami tal-imsemmija attrici. Hu minnu li l-kontro-esami tal-istess attrici ma sarx izda r-rikorrent kellu kull opportunita' li jikkumenta dwar dak li hi kkonfermat bil-gurament fl-affidavit taghha. In effett ir-rikorrent ghamel sottomossjonijiet dwar ix-xhieda tal-imsemmija attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu presentata f'Lulju 2006. Ma jirrizulta xejn irregolari fir-rigward tac-cahda tal-Qorti ghar-rigward tat-talba tar-rikorrent ghall-isfilz tal-affidavit in kwestjoni. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, ghandha l-fakolta' li tippermetti li deposizzjoni ta' xhud, jew ahjar ta' parti, tibqa fil-process u dana fl-ahjar interess tal-gustizzja u ghall-ahjar istruzzjoni tal-kawza. Il-Qorti ma kenitx tal-fehma li kellha tordna l-isfilz tal-imsemmi affidavit, u ma jirrizulta bl-ebda mod li l-Ewwel Qorti uzat dik id-diskrezzjoni taghha b'mod irregolari jew kontra d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq. Inoltre r-rikorrenti, skond il-ligi, kellu lopportunità li jappella mid-dikriet tac-cahda tal-isfilz tal-affidavit pero huwa ghazel li ma jappellax u minnflok ghazel li jissolleva din il-kwestjoni f'dawn il-proceduri. Ir-rikorrenti mhux korrett meta jsostni li n-nuqqas ta' possibilità ta' kontro-ezami tal-attrici May Zammit Tabona,

jew ic-cahda ghat-talba ghall-isfilz tal-affidavit taghha, jivvjolaw id-dritt fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq.

"Ir-rikorrent jilmenta ukoll illi l-Qorti tal-Appell naqset li tipprovdi dwar it-talba tieghu biex jipproduci bhala xhud lil huh Francis Saliba u dan skond ir-rikorrenti jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif protett mill-istess artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea. F'dan ir-rigward fir-rikors promotur ir-rikorrenti jissottometti li l-Qorti tal-Appell ma semghetx lil Francis Saliba kif huwa talab. Il-Qorti tal-Appell mhux qieghda hemm biex tisma' xhieda godda. In effett fil-proceduri quddiem il-Prim' Awla, ir-rikorrent kellu l-opportunità li jipprezenta affidavit tal-imsemmi huh Francis Saliba (fol.175). L-istess xhud rega gie prodott biex jixhed mill-istess rikorrenti (fol.561). Kwindi dak kollu li kellu xi jghid dan l-istess xhud ingieb a konjizzjoni tal-Ewwel Qorti u kwindi ukoll tal-Qorti tal-Appell. Hu zgur ghalhekk li r-rikorrent ma giex imcahhad mid-dritt tieghu li jipproduci xhud. Jista jkun li l-Qorti tal-Appell naqset li tipprovdi dwar t-talba in kwestjoni tar-rikorrenti pero' jista jkun ukoll li fl-imsemmija cirkostanzi dik il-Qorti ma hassitx il-bzonn li dan ix-xhud jinstema mill-gdid. Ghalhekk ma jistax jinghad li n-nuqqas ta' provvediment mill-Qorti tal-Appell dwar talba biex jerga jinstema x-xhud Francis Saliba jammonta ghall-vjolazzjoni ta' xi dritt kostituzzjonali tar-rikorrenti."

**14.** L-ewwel Qorti kkonkludiet il-konsiderazzjonijiet taghha fuq l-aspetti l-ohra tal-ilmenti tar-rikorrent kif gej:

"Ir-rikorrenti jilmenta ukoll dwar il-fatt li l-intimati Zammit Tabona (atturi fil-proceduri in kwestjoni) minflok ma pprezentaw prospett tad-danni kif kienu awtorizzati li jaghmlu mill-Prim Awla, pprezentaw fit-13 ta' Novembru 2006 affidavit ulterjuri tal-attur Dottor Zammit. In effett ir-rikorrenti b'rikors talab l-isfilz tal- imsemmi affidavit ulterjuri peress li skond l-istess rikorrenti l-affidavit in kwestjoni jikkostitwixxi prova gdida minghajr awtorizzazzjoni tal-Qorti u l-istess affidavit gie ppresentat wara li l-istess intimati (atturi) kienu ghalqu l-provi taghhom. Permezz ta' dikriet tal-4 ta' Marzu 2008, il-

Prim'Awla cahdet l-imsemmija talba tar-rikorrent. Lanqas hawnhekk ma tirrizulta xi vjolazzjoni ta' xi dritt fondamentali tar-rikorrent. Ovvjament il-Prim Awla ghandha d-diskrezzjoni u l-fakoltà li tmexxi l-kawza quddiemha fl-ahjar interess tal-gustizzja. Il-Prim Awla ma kenitx tal-fehma li kellha tordna l-isfilz tal-imsemmi affidavit, u dan ma jwassal ghal xejn li hu illegali jew anti kostituzzjonali.

"Lanqas ma jirrizulta xejn irregolari fil-prospett tad-danni li gie effettivament ipprezentat mill-atturi. Inoltre r-rikorrent jilmenta ukoll illi min ghamel il-valutazzjoni ma kkonfermahx bil-gurament (fol 890) tali valutazzjoni. L-ilment tar-rikorrenti hu fis-sens li nonostante li dan il-prospett ma giex ikkonfermat bil-gurament, il-Qorti xorta accettatu u strahet fuqu biex tillikwida d-danni pretizi mill-atturi Zammit Tabona. Effettivament il-kompitu ta' din il-Qorti hu li tara li gew osservati l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal Kap 319. Il-mod kif il-Qorti evalwat u analizzat il-provi biex tillikwida d-danni certament ma jinkwadrax f'dan l-imsemmi kompitu. Inoltre din il-kwestjoni giet ukoll sollevata u deciza mill-Qorti tal-Appell, u kwindi ma hemm bzonn li jinghad xejn aktar f'dan ir-rigward. Fid-dawl ta dak kollu li gie premess jista jinghad li bl-ebda mod ir-rikorrent ma rnexxielu jipprova t-talbiet tieghu u kwindi bl-ebda mod ma jirrizulta li b'xi mod gie lez fil-konfront tieghu d-dritt tas-smigh xieraq kif protett kemm mill-Kostituzzjoni kif ukoll mill-Konvenzjoni. Konsegwentement l-istess talbiet jisthoqqilhom li jigu kollha rigettati."

**15.** L-ewwel Qorti imbghad iddisponiet mill-kawza kif fuq inghad[1].

**L-appell ta' Carmelo sive Charles Saliba**

**16.** Ir-rikorrent Carmelo sive Charles Saliba hassu aggravat bis-sentenza fuq msemmija tal-ewwel Qorti tas-7 ta' Ottubru 2011 u b'rikors tas-27 ta' Ottubru 2011 appella

[1] Ara sezzjoni markata 1 u intestata "Preliminari" f'din is-sentenza.

minnha quddiem din il-Qorti u talab li din il-Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn cahdet l-eccezzjonjiet preliminari tal-appellati tirrevokaha, tannullaha u thassarha fejn cahdet it-talbiet tar-rikorrenti u fejn akkollat l-ispejjez lir-rkorrenti u ghalhekk tilqa’ t-talbiet tal-appellant fir-rikors promotur tieghu quddiem l-ewwel Qorti liema talbiet gew ripetuti fil-parti konkluziva tar-rikors tal-appell fuq imsemmi tas-27 ta’ Ottubru 2011.

**17.** L-aggravji tal-appellant jistghu jigu riassunti kif gej:

1) kienet zbaljata l-ewwel Qorti fejn irriteniet li la mill-legislazzjoni u anqas mill-gurisprudenza taghna ma jirrizulta l-principju ta’ prova fuq bilanc ta’ probabilitajiet “ikkwalifikata“ u aktar rigoruza meta fil-kawza civili jkun qed jigi allegat reat, tant li jsostni li l-istess Qorti tal-Appell fil-proceduri civili in kwistjoni abbraccjat pienament il-gurisprudenza kkwotata minnu dwar il-piz tal-prova rikjest u cioe’ l-istandard aktar rigoruz, mentri la l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili u lanqas l-istess Qorti tal-Appell ma applikaw dan il-principju;

2) (a) kienet zbaljata l-ewwel Qorti dwar il-portata tal-artikolu 648 tal-Kodici Kriminali li jmur oltre minn kif spjegat mill-ewwel Qorti fejn jikkoncerna l-identifikazzjoni ta’ persuna f’liema rigward il-qrati civili kellhom jaddottaw il-kawteli stabbilti fid-dottrina u fil-gurisprudenza;

(b) il-Qorti tal-Appell rrikonoxxiet il-principju dwar il-grad tal-prova f’kaz bhal dak tieghu izda sostniet li bhala Qorti ta’ revizjoni toqghod lura milli tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet il-Qorti ta’ prim’ istanza sakemm ma jkunx hemm ragunijiet impellenti biex taghmel hekk u dan meta skont hu kienu jezistu tali ragunijiet;

3) l-Qorti tal-Appell ma pprovdietx fuq it-talba tieghu ghall-produzzjoni fl-appell tax-xhud Francis Saliba u dan bi ksur tal-*equality of arms;*

4) l-intimat appellat Zammit Tabona sistematikament irnexxielu jimpedih milli jressaq lil mart l-istess appellat

Zammit Tabona biex tixhed u l-Qorti wara cahdet it-talba tieghu ghall-isfilz tal-affidavit taghha, u dan ukoll bi ksur tar-regola tal-*equality of arms*.

5) fil-likwidazzjoni tad-danni l-Qrati Civili fil-kawza tieghu injoraw il-principju generali tad-dritt li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat* meta minkejja li l-intimati appellati Zammit Tabona ma ressqu lil hadd biex jikkonferma bil-gurament id-danni minnhom pretizi dawn gew accettati mill-Qrati ghaliex irritenew li kien jispetta lilu li jipprova l-kuntrarju ta’ dak reklamat;

6) ghalkemm il-proceduri kontra tieghu kienu ta’ natura civili l-ewwel pronuncjament tas-sentenza tal-prim’ istanza fil-proceduri civili konfermata mill-Qorti tal-Appell kien li huwa “ha sehem fis-serqa li saret mid-dar tal-attur fit-12 ta’ Mejju 1995“ u b’hekk, skont l-appellant, ghad li ma kien hemm ebda sejbien ta’ htija fih minn Qorti ta’ kompetenza kriminali li kienet tkun tenuta tapplika principju probatorju rigoruz hafna huwa xorta wahda spicca misjub responsabbli ta’ serq minghajr ma kellu l-garanziji procedurali u probatorji applikabbli fil-kaz ta’ akkuzi ta’ reat kriminali.

7) l-fatt li l-proceduri kienu ta’ natura civili ma jbiddilx il-fatt li d-dikjarazzjoni ta’ responsabbilita’ ghad-danni kienet, skont l-appellant, tiddependi necessarjament mis-sejbien da parti tal-Qorti li dik il-persuna kienet hatja ta’ reat kriminali u l-grad ta’ prova necessarju ghal tali sejbien ta’ htija jrid necessarjament ikun oltre kull dubbju ragonevoli altrimenti ma jkunx inghata smigh xieraq; is-sentenza appellata, izda, timplika li l-grad imsemmi ta’ prova ma ntlahaqx fil-proceduri civili u minkejja dan ma kienx hemm ksur tad-dritt ghal smigh xieraq u dan ghalkemm hu palesi, skont l-appellant, li l-proceduri civili gew decizi fuq bazi ta’ probabilita’ u ta’ konvinciment morali u mhux oltre kull ragonevoli dubbju u b’hekk gie lez id-dritt fondamentali tal-appellant ghal smigh xieraq.

8) Is-sejbien ta’ risponsabilita’ ghad-danni kienet tistrieh fuq ir-reita’ tar-rikorrent bhala l-persuna li kkommettiet is-serq li minn naha taghha kienet dipendenti

fuq l-identifikazzjoni tieghu oltre d-dubbju dettat mir-raguni liema grad tal-prova ma ntlahaqx.

**Ir-risposta tal-intimati ghall-appell**

*Ir-risposta tal-Avukat Generali*

**18.** Fir-risposta tieghu tal-14 ta' Novembru 2011 l-intimat Avukat Generali wiegeb ghar-rikors tal-appell billi ssottometta li l-appell kellu jigi michud peress illi huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet li gejjin:

1) ghar-rigward tal-ewwel aggravju isostni li l-ewwel Qorti kienet korretta meta rriteniet li la l-legislazzjoni u lanqas il-gurisprudenza nostrana ma jipprovdu ghall-principju ta' prova fuq bilanc ta' probabiltajiet "ikkwalifikata" u aktar rigoruza f'kawzi bhal dawk hawn in kwistjoni;

2) in konnessjoni mat-tieni aggravju:

(a) isostni li l-allegazzjoni li fil-proceduri civili r-rikorrent kien instab hati ta' reat kriminali hi wahda ghal kollox gratuita peress li mill-qari tas-sentenzi u digrieti relevanti jirrizulta li ebda wahda minnhom ma sabet lir-rikorrent hati ta' xi reat izda nstabet biss responsabbilita' ghall-hlas ta' danni wara li ttiehed qies li l-provi mressqa mill-atturi (l-intimati appellati l-ohra f'dan l-appell) kienu aqwa mir-ragunijiet u spjegazzjonijiet moghtija mill-appellant u dan fil-parametri ta' kawza ta' natura civili u konsistentement mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-11 ta' Frar 2003 fil-kawza fl-ismijiet *Ringvold v Norway*.

(b) l-ewwel Qorti kienet korretta li sabet li ma kien hemm xejn fil-proceduri civili leziv tad-drittijiet fundamentali tal-appellant in konnessjoni mal-identifikazzjoni tieghu mill-intimat appellat Dr. Joseph Zammit Tabona tenut kont tal-fatt li din il-Qorti ma hix qorti ta' appell tat-tielet grad mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li gia kkunsidrat l-istess ilmenti fil-kontest tal-proceduri kriminali u rrespingiethom.

3) b'riferenza ghat-tielet aggravju dwar l-allegata nuqqas ta' xhieda ta' Francis Saliba l-appellat Avukat Generali jsostni li di fatti l-istess Francis Saliba xehed u gie kontro-ezaminat u rega' xehed fis-17 ta' Novembru 2004 u r-rikorrent ma setax jippretendi li l-Qorti tal-Appell terga' tisimghu fl-appell f'liema stadju dik il-Qorti ma tismax xhieda.

4) in kwantu ghar-raba' aggravju dwar in-nuqqas ta' kontroezami tax-xhud May Zammit Tabona l-appellat isostni li dan kien ghal raguni legittima ta' sahha li kienet tipprekludiha milli tixhed fl-istadju li talabha r-rikorrent li qatt ma kien prekluz milli jaghmel is-sottomissjonijiet kollha li deherlu ghandu jaghmel dwar ix-xhieda taghha u sahansitra ghazel li ma jappellax, kif kellu dritt jaghmel, mid-digriet tal-ewwel qorti li bih giet michuda t-talba tieghu ghall-isfilz tal-affidavit tax-xhud msemmija, u ghalhekk ma kien hemm xejn irregolari f'dan ir-rigward u ghaldaqshekk ma kien hemm ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.

5) dwar il-hames aggravju rigwardanti d-danni likwidati fil-proceduri civili, l-appellat Avukat Generali jaqbel mal-ewwel Qorti li l-apprezzament tal-provi in materja u l-likwidazzjoni tad-danni reklamati jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti civili u mhux f'dik tal-qrati kostituzzjonali li ma humiex qrati ta' appell mid-decizjonijiet tal-qrati kompetenti li kkunsidraw l-ilmenti sollevati f'din l-istanza mill-appellant u rrigettawhom anki fl-istanza ta' appell.

6) l-Avukat Generali jirrespingi wkoll is-sitt aggravju li jallega li r-rikorrent instab hati ta' reat kriminali minn qorti ta' kompetenza civili bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu peress li l-qrati civili llimitaw ruhhom ghall-kwistjoni tar-responsabbilita` ghall-hlas ta' danni civili minghajr ma attribwew xi responsabbilita` kriminali.

L-Avukat Generali temm ir-risposta tieghu billi insista li l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.

*Ir-risposta tal-intimati appellati Zammit Tabona*

**19.** L-intimati Zammit Tabona wkoll wiegbu ghall-appell b’risposta tal-14 ta’ Novembru 2011 li biha bdew biex sostnew li s-sentenza appellata kellha tigi konfermata “izda forsi mhux fit-totalita’ taghha” ghaliex sostnew li messha ntlaqghet is-sottomissjoni taghhom li r-rikors promotur kien wiehed abbuziv tas-sistema legali taghna peress li kellu aktar minn *terzo appello* milli minn rikors kostituzzjonal u finalment kkonkludew ir-risposta taghhom billi ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta l-appell kellu jigi ritenut infondat fil-fatt u fid-dritt u li t-talbiet tal-appell kellhom jigu rigettati bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellant.

**20.** Sostanzjalment, ir-ragunijiet migjuba mill-intimati appellati Zammit Tabona jistghu jigu riassunti kif gej:

1) ghalkemm il-grad tal-prova li jrid jigi sodisfatt fil-proceduri civili huwa dak ta’ *balance of probabilities* il-qrati civili waslu ghall-konvinciment morali taghhom dwar ir-responsabbilita` civili tal-appellant ghad-danni pretizi mill-intimati wara studju approfondit tad-duttrina dwar il-piz u l-grad tal-prova applikabbli kif ukoll tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet fil-kawza u dan fi grad li jmur oltre l-“*balance of probabilities*” u kellu jissodisfa anki lil min jippretendi li l-kriterju li kellu jigi wzat kien dak applikabbli f’kawza kriminali u cioe’ allura “*beyond a reasonable doubt*”;

2) dwar l-identifikazzjoni tar-rikorrent da parti ta’ Dr. Joseph Zammit Tabone il-qrati civili ma kellhom ebda dubbju mhux biss fuq bazi ta’ probabilitajiet izda addirittura ‘l hinn minn kull dubbju ragonevoli;

3) ma kien hemm ebda disparita’ ta’ armi matul il-proceduri civili fejn kellu x’jaqsam id-dritt tal-kontro-ezami u d-dritt ghall-produzzjoni ta’ xhieda peress li hu d-dritt u dover tal-Qorti li tirregola s-smigh tal-provi u l-fatt li xi talba ghall-produzzjoni ta’ xhud jew ghal xi xi kontro-ezami tigi michuda ma tirrizultax necessarjament f’nuqqas ta’ parita’ ta’ mezzi bejn il-partijiet fil-konduzzjoni tal-proceduri civili ghaliex il-poter tal-qorti li tirregola l-provi hu poter vestit fil-

qorti fil-konfront tal-partijiet kollha u hu normali li l-Qorti tal-Appell, kif gara’ f’dan il-kaz, ma tippermettix smigh ta’ provi godda fl-istanza ta’ appell;

4) anqas ma kien hemm disparita’ ta’ mezzi meta l-Qorti cahdet it-talba ghall-kontroezami ta’ May Zammit Tabona u ghall-isfilz tal-affidavit taghha meta l-istess May Zammit Tabona giet certifikata medikament li ma kienetx aktar kompetenti li tixhed u meta r-rikorrent ma deherlux li kellu jappella mid-decizjonijiet relevanti.

5) ma kien hemm ebda vjolazzjoni tal-principju dwar li l-piz tal-prova jinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni u anqas kien hemm xi irregolarita’ fil-fatt li l-Qorti tal-Appell stqarret li ma kienetx sabet ebda raguni biex tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet raggunti mill-Qorti ta’ prim’ istanza.

**Fatti tal-kawza**

**21.** B’citazzjoni fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta’ Gunju 2000 l-appellati Zammit Tabona talbu lil dik il-Qorti tiddikjara li l-appellant odjern 1) kien il-promotur u organizzatur tas-serqa li saret kontra l-atturi fid-dar taghhom ta’ abitazzjoni 68, Main Street, San Giljan fil-lejl tat-12 ta’ Mejju 1995; 2) kien risponsabbli lejn l-atturi ghad-danni kollha minnhom sofferti minhabba s-serqa 3) tillikwida l-istess danni 4) tikkundannah ghall-hlas tad-danni hekk likwidati u ghall-imghax mid-data tas-sentenza u ghall-ispejjez tal-kawza.

**22.** F’dik il-kawza l-appellant odjern eccepixxa *inter alia* li ma kienx minnu li huwa kien ippartecipa b’xi mod fis-serqa tat-12 ta’ Mejju 1995 u li l-pretensjoni tal-atturi (l-appellati Zammit Tabona) hija kompletament bla bazi u ntiza sabiex tikkawza danni lill-konvenut (l-appellant odjern).

**23.** B’sentenza *in parte* tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Dr. Joseph Zammit Tabona et. v Charles sive Charlie Saliba tal-10 ta’ Ottubru 2006 dik il-Qorti laqghat l-ewwel zewg talbiet tal-atturi, u cioe’ ddikjarat li l-konvenut Charles sive Charlie Saliba kien il-promotur u organizzatur tas-serqa u li ha sehem attiv fiha u li kien risponsabbli

ghad-danni sofferti mill-appellati Zammit Tabona u ziedet li l-konvenut kien ha sehem fis-serqa li saret mid-dar tal-attur (Zammit Tabona) fit-12 ta’ Mejju 1995 wara li rat l-artikolu 1049 tal-Kodici Civili qalet li l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni kollha li garrbu l-atturi Zammit Tabona u ordnat it-tkomplija tas-smigh tal-kawza dwar it-talbiet rimanenti.

**24.** Wara li ssokta s-smigh tal-kawza kif ordnat, fl-4 ta’ Marzu 2008 fl-istess proceduri l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili cahdet rikors tal-konvenut Saliba, l-appellant odjern,ipprezentat fit-8 ta’ Jannar 2007 ghall-isfilz tal-affidavit tal-attur f’dik il-kawza, cioe’ Dr. Joseph Zammit Tabona liema affidavit kien gie prezentat fit-13 ta’ Novembru 2006.

**25.** Fil-4 ta’ Marzu 2008 il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tat is-sentenza finali taghha fil-proceduri msemmija billi ddisponiet mit-tielet u r-raba’ talbiet rimanenti tal-atturi u llikwidat id-danni li garrbu l-atturi, l-appellati odjerni, fis-somma ta’ mija u tletin elf, erba’ mija u wiehed u erbghin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€130,441.42) ekwivalenti ghal Lm55,998.50 u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-atturi d-danni hekk likwidati flimkien mal-imghax u l-ispejjez mitluba fic-citazzjoni.

**26.** B’rikors tal-appell tas-17 ta’ Marzu 2008 il-konvenut Saliba appella kemm mis-sentenza parzjali u mis-sentenza finali msemmija kif ukoll mid-digriet fuq imsemmi tal-Prim’ Awla tal-4 ta’ Marzu 2008 li bih giet michuda t-talba ghall-isfilz tal-affidavit imsemmi. Fl-appell tieghu il-konvenut Saliba talab ir-revoka tas-sentenza tal-10 ta’ Ottubru 2006, ir-revoka tad-digriet tal-4 ta’ Marzu 2008 u l-akkoljiment tat-talba tieghu ghall-isfilz tal-affidaviat ta Dr. Joseph Zammit Tabona, u talab ukoll ir-revoka tas-sentenza finali tal-istess data u cioe’ tal-4 ta’ Marzu 2008 billi jigu milqugha l-eccezzjonijiet tieghu u b’hekk jigu michuda t-talbiet kollha tal-atturi f’dik il-kawza, l-appellati Zammit Tabona f’dawn il-proceduri.

**27.** B’sentenza tas-6 ta’ Ottubru 2009 dik il-Qorti tal-Appell irrespingiet l-aggravji ta’ Charles sive Charlie Saliba, cahdet l-appell tieghu u kkonfermat is-sentenzi

appellati kif ukoll id-digriet appellat fit-totalita' taghhom bl-ispejjez kontra l-istess appellant Saliba.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**
*Preliminari*
**28.** L-appellant jallega vjolazzjonijiet tal-artikolu 6(1) u tal-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39(1), 39(2) u 39(5) tal-Kostituzzjoni.

**29.** Ir-rikorrent iserrah l-allegazzjonijiet tieghu ta' ksur tad-drittijiet fundamentli tieghu msemmja fuq diversi fatti u cirkostanzi minghajr ma jiddistingwi liema minn dawn il-fatti jivvjolaw liema dispozizzjonijiet tal-Konvenzjoni u/jew tal-Kostituzzjoni. Dan ma hux mod korrett kif isiru l-affarijiet ghaliex ir-rikorrent appellant ma jistax jippretendi li l-qrati jindovinaw huma x'ghandu f'rasu r-rikorrent. Din il-Qorti hi ghalhekk kostretta tassumi li kull allegazzjoni ta' fatt jew cirkostanza minnu msemmija separatament allegatament tikser kull wahda mid-dispozizzjonijiet tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni minnu indikati anki jekk dan ma jkunx minnufih evidenti

***L-allegata vjolazzjoni tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni***

**30.** Dan l-artikolu jhares id-dritt tal-appellant ghal smigh xieraq fi zmien ragionevoli. Ma saret ebda allegazzjoni ta' xi dewmien mhux ragonevoli fil-proceduri u ghalhekk l-ilment tal-appellant hu limitat ghall-parti generali tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni riferibilment ghal nuqqas ta' smigh xieraq.

*Il-grad tal-prova*

**31. L-ewwel zewg aggravji u t-tmien aggravju** tal-appellant f'dan ir-rigward essenjalment jistriehu fuq il-pretensjoni tieghu li fi proceduri civili dwar risponsabilita' ghal danni konsegwenza ta' ghemil li jammonta ghal reat kriminali l-grad tal-prova necessarju hu wiehed aktar rigoruz minn dak fi proceduri civili dwar risponsabilita' ghal danni konsegwenza ta' ghemil xort'ohra. Fil-proceduri civili tal-ahhar xorta, il-grad ta' prova mehtieg l-appellant jirreferih ghalih bhala dak "fuq bilanc ta' probabilitajiet"

waqt li fi proceduri civili tal-ewwel xorta, u cioe' fejn l-ghemil jikkonsisti f'reat kriminali, l-appellant jirreferi ghall-grad tal-prova skont hu applikabbli bhala "l-grad ta' prova aktar rigoruz", u dan fil-konfront tal-grad ta' prova "fuq bilanc ta' probabilitajiet", mentri f'din l-istanza quddiem din il-qorti ir-rikorrent appellant ripetutament jirreferi dan l-istess grad ta' prova "aktar rigoruz" bhala l-grad ta' prova "fuq bilanc ta' probabilitajiet ikkwalifikata".

**32.** L-appellant, imbaghad, ikompli jikkomplika s-sottomissjonijiet tieghu billi f'din l-istanza tal-appell jsostni li l-grad tal-prova applikabbli fil-proceduri civili in kwistjoni kellu jkun kemm dak "aktar rigoruz" jew "fuq bilanc ta' probabilitajiet ikkwalifikata", kif sostna fl-ewwel istanza, kif ukoll addirittura l-grad tal-prova applikabbli ghall-proceduri kriminali u cioe' dak li jmur oltre d-dubbju dettat mir-raguni.

**33.** In sostenn ta' grad ta' prova "aktar rigoruz" jew "fuq bilanc ta' probabilitajiet kwalifikata" ir-rikorrent appellant jaghmel riferenza ghal sentenzi tal-Qrati Inglizi u ghad-duttrina Ingliza in materja. Is-sentenzi tal-Qrati Inglizi, izda, ghalkemm jistghu jkunu ta' ispirazzjoni ghall-qrati Maltin ma huma qatt parti mill-ligi ta' Malta sakemm ma jigux approvati mill-qrati Maltin u b'hekki isiru parti mill-gurisprudenza tal-qrati Maltin. L-istess huwa l-kaz tad-duttrina ta' guristi Inglizi. Ir-rikorrent qatt ma ccita xi sentenzi Maltin li juru li s-sentenzi Inglizi u d-duttrina Ingliza minnu citati qatt gew recepiti u approvati mill-qrati Maltin ghalkemm jghid li l-Qorti tal-Appell fil-proceduri civili abbraccjat, jidher skont hu ghall-ewwel darba, dak il-grad ta' prova.

**34.** Din il-Qorti zzid tosserva li mit-testi stess citati mir-rikorrent jirrizulta ampjament li l-grad ta' prova fi proceduri civili sostnut fil-gurisprudenza Ingliza jibqa' dejjem l-istess grad ta' prova fuq bazi ta' bilanc ta' probabilitajiet u ma hux xi grad ta' prova differenti. Kull ma jaghmlu dawk is-sentenzi hu li jipprecizaw li fejn il-proceduri civili jkunu jikkoncernaw ghemil li jammonta ghal reat kriminali allura l-qrati ghandhom jiehdu kont ta' dik ic-cirkostanza u jqeghduha fil-keffa fl-imkien mac-cirkostanzi l-ohra kollha

meta jigu biex jiddeciedu fuq bilanc ta' probabilitajiet fuq liema naha tmil il-bilancja. Minghajr ma din il-Qorti toqghod taghmel analizi dettaljat ta' kull decizjoni Ingliza citata mill-appellant bizzejjed din il-Qorti tirreferi ghal dik il-gurisprudenza Ingliza, li r-rikorrent stess jiddeskriviha bhala "l-aktar recenti fir-Renju Unit", u cioe' dik li rriteniet li "*the balance of probability is a flexible one and the graver the issue involved, the higher the degree of probability which the Court should acquire*": il-grad ta' prova, izda, jibqa' dejjem fuq bilanc ta' probabilitajiet. Li din hi l-pozizzjoni korretta taht il-ligi Ingliza jikkonfermawh il-kliem tal-Imhallef Lord Slade ukoll citat mill-appellant fis-sens li
"My understanding of the concept, which I think was that of the judge, is simply that the relative seriousness of the allegation is a relevant factor (on occasions a highly relevant factor) in considering whether or not <u>the civil burden of proof on the balance of probabilities</u> has been discharged in any given case." (sottolinear tal-Qorti)

**35.** Ipprecizat il-premess, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jiddefinix il-grad ta' prova li jrid jintlahaq la fil-proceduri civili u anqas fil-proceduri kriminali. Dak li jesigi l-istess artikolu hu li l-proceduri jkunu xierqa fis-sens ta' *fair,* u proceduri li fihom il-grad tal-prova rikjest huwa fuq bilanc ta' probabilitajiet ma hux anqas xieraq minn proceduri fejn il-grad tal-prova rikjest huwa fuq "grad ta' prova rigoruz" jew fuq "grad ta' prova fuq bilanc ta' probabilitajiet kwalifikata", ifissru xi jfissru dawn il-frazijiet. Dak li hu rikjest hu li jkun hemm il-konvinciment tal-awtoritajiet gudizzjarji dwar dak li qieghed jigi processat u deciz u fil-proceduri civili in kwistjoni ma hemmx dubbju li l-Qorti tal-ewwel istanza kienet konvinta mir-responsabbilita` materjali tar-rikorrent ghall-fatt li kien jaghti lok ghal rizarciment u mill-identifikazzjoni tieghu da parti tal-attur Zammit Tabona.

**36.** Kien x'kien il-grad tal-prova li l-ewwel Qorti fil-proceduri civili dehrilha li kien applikabbli ghall-proceduri quddiemha jirrizulta car mis-sentenza taghha li ma kellha ebda ezitazzjoni, minkejja d-diffikultajiet li l-kaz kien jipprezenta, sabiex temmen lix-xhud Zammit Tabona dwar

dak li gara fil-jum li ttehdulu hwejgu u dwar l-identifikazzjoni da parti tieghu tar-rikorrent. Di fatti fis-sentenza taghha tghid bla tlaqliq "Minkejja dak illi sejjer jinghad aktar 'il quddiem, il-qorti temmen lill-attur" u wara li taghmel accenn ghal diversi provi u cirkostanzi li wassluha ghall konvinciment taghha tikkonkludi kategorikament li r-rikorrent appellant kien ippartecipa fl-ghemil materjali li kien jaghti lok ghar-rizarciment ta' Zammit Tabona li skont dik il-Qorti "ma jhalli ebda dubju fix-xhieda tieghu illi tassew gharaf lill-konvenut (ir-rikorrent appellant odjern) minn persuntu u mill-qaghda u l-imgieba tieghu, u l-qorti hija sodisfatta illi tista' toqghod fuq il-kelma tal-attur." Kollox jindika li dik il-qorti hadet kollox in kunsiderazzjoni meta giet biex tigbed il-konkluzjonijiet taghha u ma hemm xejn x'jindika li ma hadetx in kunsiderazzjoni wkoll, issejjahlu x'issejjahlu l-grad tal-prova li addottat, il-fatt li l-ghemil materjali li kien jaghti lok ghal rizarciment kien jikkonsisti f'elementi li jikkorrispondu ma' dawk ta' reat kriminali.

**37.** Jirrizulta wkoll li l-Qorti tal-Appell fl-istess proceduri civili ma sabet ebda raguni impellenti li jwassalha tasal ghal konkluzjoni diversa minn dik tal-ewwel istanza. Kieku sabet xi raguni tali ma kienetx tonqos milli tirrovexxja l-apprezzament li l-ewwel qorti ghamlet tal-provi. Di fatti, veru li dik il-Qorti fis-sentenza taghha ddikjarat mill-gdid il-pozizzjoni legali f'sede ta' appell dwar materja ta' apprezzament ta' provi skont il-gurisprudenza pacifika fir-rigward u cioe' fis-sens li "…din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, toqghod lura milli tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti". Minnufih wara, izda ziedet, kif trid l-istess gurisprudenza, "sakemm ma jkunx hemm ragunijiet validi u impellenti sabiex l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti tigi disturbata".

**38.** Ir-rikorrent sostna li l-grad ta' prova necessarju anki fi proceduri civili li l-ezitu taghhom, izda, jistrieh fuq kunsiderazzjoni ta' ghemil li l-elementi tieghu jammontaw ghal reat kriminali, huwa l-grad applikabbli fi proceduri kriminali u cioe' ta' oltre d-dubbju ragonevoli. X'inhu l-grad ta' prova mehtieg fi proceduri civili tax-xorta li jsemmi r-rikorrent appellant, izda, hi materja ta' kompetenza tal-

qrati civili u ma jispettax lil din il-Qorti li tiddetermina x'ghandu jkun il-grad tal-prova mehtieg f'dawn ic-cirkostanzi. Dak li hu r-rwol ta' din il-Qorit hu li tiddetermina jekk f'dawk ic-cirkostanzi l-adozjoni ta' grad ta' prova inqas sever minn dak applikabbli fi proceduri kriminali jwassalx ghal vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq. Din il-Qorti ma tirravizax li hemm xi nuqqas ta' smigh xieraq fil-fatt li fi proceduri civili ghall-hlas ta' kumpens il-grad tal-prova li jkun mehtieg ikun inqas rigoruz minn dak mehtieg ghall-prova ta' responsabbilita` kriminali fi proceduri penali anki meta l-kumpens fl-azzjoni civili jkun reklamat dwar ghemil li l-fatti tieghu jkunu l-istess bhal dawk li jaghtu lok ghall-proceduri penali[2]. Dan hu hekk anki tenut kont tal-konsegwenzi anqas gravi li generalment tkun tirriskja l-parti konvenuta fi proceduri civili fil-konfront tal-konsegwenzi generalment aktar severi li jkun jirriskja l-akkuzat fi proceduri penali.

*nuqqas ta' provvediment dwar ix-xhud Francis Saliba*

**39. Fit-tielet aggravju** tieghu, l-appellant jilmenta wkoll mill-fatt li fil-proceduri civili l-Qorti tal-Appell ma pprovdietx dwar it-talba tieghu sabiex jinstema' bhala xhud Francis Saliba li jigi hu l-appellant.

**40.** Taht l-artikolu 6(1) il-kompitu tal-Qorti hu li tezamina jekk il-proceduri mehudin fil-kompless taghhom, inkluz il-mod kif ikunu ngabru l-provi, kienux xierqa fis-sens tal-istess artikolu, ghalkemm jista' wkoll ikun il-kaz li aspett jew nuqqas partikolari jkun tant determinanti ghall-ezitu tal-kawza li jkun bizzejjed sabiex minhabba fih wahdu il-Qorti ssib nuqqas ta' smigh xieraq. Inoltre, l-Istat ghandu latitudini akbar fil-mod kif jittratta kawzi civili milli ghandu meta jkun qieghed jittratta minn kawzi kriminali. B'danakollu, l-principju tal-*equality of arms* li jiddetta li jinzamm bilanc xieraq bejn il-partijiet fil-kawza japplika kemm fil-kawzi civili kif ukoll f'dawk kriminali. Dan il-principju jimplika li kull parti ghandu jkollha l-opportunita' ragonevoli li tipprezenta l-kaz u l-provi taghha taht

[2] Ara ECHR Ringvold v The Netherlands, 11/2/2003 #38; ECHR Bok v The Netherlands, 18/1/2011 #40; Ara wkoll Q. Kost. Francis Vella v Avukat Ġenerali, 25/5/2010

kundizzjonijiet li ma jqieghduhiex fi zvantagg fil-konfront tal-parti l-ohra[3]. Inoltre l-partijiet ma ghandhomx dritt assolut li jipproducu xhieda fil-qorti u s-smiegh ta' xhud irid ikun necessarju biex jghin li tinkixef il-verita'; barra minn hekk il-parti anqas ma ghandha dritt illimitat li taghmel id-domandi li trid lil xhud li jigi prodott[4]. Ghalhekk ma hux bizzejjed li l-parti turi li ma thallietx taghmel domandi lil xi xhud izda trid turi wkoll li s-smiegh tax-xhud kien necessarju ghall-accertament tal-verita' u li n-nuqqas li jithalla jaghmel domandi lix-xhud kien ta' pregudizzju ghalih fil-proceduri relevanti[5].

**42.** Fil-kaz odjern il-Qorti tinnota li t-talba tar-rikorrent appellant ghas-smiegh tax-xhud Francis Saliba saret lill-Qorti tal-Appell fil-proceduri civili f'pagna 20 tar-rikors stess tal-appell tista' tghid midfuna fost hafna sottomissjonijiet dettaljati u fit-tul dwar il-mertu kollu tal-kawza u tas-sentenza appellata mentri dan ma hux l-aktar mod indikat sabiex issir tali talba li messha saret b'rikors appozitu lill-Qorti tal-Appell. Terga ma hemm anqas l-icken riferenza ghall-istess talba ghas-smiegh tax-xhud Francis Saliba fit-talbiet konkluzzivi tar-rikors tal-appell. Il-Qorti tinnota wkoll li ma jirrizulta li hemm ebda verbal li jippuntwalizza l-istess talba f'xi seduta quddiem il-Qorti tal-Appell minkejja li kien hemm hames seduti quddiem l-istess Qorti qabel inghatat is-sentenza u minkejja li l-appell gie trattat darbtejn quddiem dik il-Qorti minhabba li, wara l-ewwel trattazzjoni, astjena il-President tal-Qorti.

**42.** Apparti li hu ben stabbilit li, hlief f'kazijiet aktar unici milli rari, l-Qorti tal-Appell ma tismax xhieda fil-vesti taghha ta' qorti ta' revizjoni specjalment meta x-xhud ikun gia' xehed fil-prim' istanza, il-Qorti tinnota wkoll li x-xhud mitlub kien gia' xehed, aktar minn darba, fil-prim' istanza fl-istess proceduri u ghalhekk ir-rikorrent appellant kellu fil-prim' istanza kull opportunita' li jsaqsi lix-xhud Francis Saliba kwalunkwe haga li ried jistaqsih dwarha fil-Qorti tal-

---

[3] Ara Dec Adm Camillo Crociani u oħrajn v Italy, 18/12/1980; Dec Adm X v Norway, 4/7/1978; Ara ECHR Helmers v Sweden, 29/10/1991 #31; Vidal v Belgium, 22/4/1992; Dombo Beheer B.V. v The Netherlands, 27/10/1993 #31-33; Ara wkoll Q. Kost. Peter Paul Muscat v Mario Muscat pro. et noe.et, 24/6/2011

[4] Ara Kumm ECHR Dec Adm X v Switzerland, 11/3/1982, #10

[5] Ibid #11

Appell li kellha quddiemha d-depozizzjonijiet tal-istess xhud. Ghalhekk ma giex muri lil din il-Qorti li n-nuqqas li jinstema' x-xhud msemmi fil-Qorti tal-Appell fil-proceduri civili kien b'xi mod ta' pregudizzju ghad-drittijiet tar-rikorrent appellant f'dawk il-proceduri.

**43.** Din il-Qorti, ghalhekk, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ma tirraviza ebda ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq minhabba n-nuqqas tal-Qorti tal-Appell li tipprovdi dwar it-talba ghas-smiegh tax-xhud Francis Saliba. F'kull kaz ukoll il-Qorti tirribadixxi li l-jedd li parti tressaq xhud jew li taghmel kontro-ezami m'huwiex jedd assolut, u jibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-qorti li tkun li tara u tiddeciedi jekk ix-xhieda mitluba hijiex rilevanti, sakemm taghti r-ragunijiet taghha ghaliex tkun cahdet talba bhal dik[6].

*nuqqas ta' kontro-ezami tax-xhud May Zammit Tabona*

**44. Fir-raba' aggravju** tieghu l-appellant jilmenta mill-fatt li huwa gie impedut mill-appellat Zammit Tabona milli jressaq lill-martu May Zammit Tabona sabiex ikun jista' jaghmlilha kontro-ezami u mill-fatt ukoll li l-Qorti cahdet it-talba tieghu ghall-isfilz tal-affidavit taghha.

**45.** Il-principji legali fuq esposti riferibilment ghal smiegh ta' xhieda japplikaw ukoll ghal dawn ic-cirkostanzi.

**46.** Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li ma hux preciz dak li jallega r-rikorrent appellant li kien l-appellat Zammit Tabona li impedih milli jressaq lil May Zammit Tabona izda dak li jirrizulta pruvat hu li kien l-istat ta' sahha tal-istess xhud li zamm lix-xhud milli tigi kontroezaminata kif anki gie konfermat mit-tabib kuranti taghha li kkonferma wkoll li meta rrilaxxjat l-affidavit taghha x-xhud kienet fi stat ta' sahha li setghet tiddeponi.

**47.** Il-fatt jibqa', izda, li ghalkemm ix-xhud imsemmija tat id-depozizzjoni taghha taht forma ta' affidavit li gie ammess bhala prova tal-appellat fil-proceduri civili l-istess

[6] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak: Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Ed.) pp. 644

xhud ma gietx sottomessa ghall-kontroezami mir-rikorrent appellant ghalkemm dan ghamel talba ghal daqshekk. U ghalhekk, fic-cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti trid tezamina jekk dan il-fatt tax lok ghal vjolazzjoni tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni

**48.** Ir-raguni ewlenija li r-rikorrent semma fl-affidavit tieghu fl-ewwel istanza tal-proceduri civili bhala mottiv ghaliex xtaq jaghmel xi domandi lix-xhud Mary Zammit Tabona hi li ma setax jemmen li l-affidavit taghha jinkludi fih il-kliem u l-hsibijiet taghha u li ma kienx ihoss li persuna tar-rispett bhalha setghet tasal biex temmen u tghid dak li hemm fl-affidavit “li suppost ghamlet hija” (fol. 77 tal-process tal-prim’ istanza fil-proceduri civili). Jidher ghalhekk li r-rikorrent ried jaccerta ruhu li d-diskors li kien hemm mnizzel fl-affidavit kien fil-fatt id-diskors ta’ Mary Zammit Tabona. Dak li qalet Mary Zammit Tabona sostanzalment intqal ukoll minn Dr. Zammit Tabona kemm fl-affidavit tieghu kif ukoll fix-xhieda orali tieghu quddiem il-prim’ istanza tal-Qorti Civili fil-proceduri civili u dwar dak li qal fl-affidavit u fix-xhieda tieghu ir-rikorrent appellant ikkontroezaminah fit-tul permezz tal-avukat tieghu. Inoltre, waqt li Dr. Zammit Tabona ddepona fl-affidavit u fix-xhieda tieghu fil-Qorti li kien gharaf lir-rikorrent appellant fost il-persuni li kienu dahlu fid-dar tieghu fil-lejl relevanti, Maria Zammit Tabona, minn naha taghha, f’ebda mument fl-affidavit taghha ma gharfet lir-rikorrent appellant fost il-persuni msemmija fid-data relevanti, u dan meta s-sentenzi fil-proceduri civili kienu jimpernjaw proprju fuq il-kwistjoni tal-identifikazzjoni tar-rikorrent appellant. Di fatti, s-sentenza tal-qorti ta’ prim’ istanza tasal ghall-parti decizjonali taghha kwazi eskluzivament fuq ix-xhieda ta’ Dr. Zammit Tabona. Il-Qorti tal-Appell, imbaghad, ma sabet ebda raguni li tpperswadiha tiddipartixxi mill-apprezzament tal-qorti ta’ prim’ istanza.

**49.** Ghalhekk din il-qorti hi tal-fehma li r-rikorrent appellant ma tqieghedx f’pozizzjoni zvantagguza u anqas gie pregudikat fil-proceduri civili bin-nuqqas ta’ kontroezami da parti tieghu tax-xhud Marry Zammit Tabona.

*fil-likwidazzjoni tad-danni ma giex osservat il-principju li l-piz tal-prova jaqa' fuq min jallega*

**50. Fil-hames aggravju** ir-rikorrent isostni li fil-likwidazzjjoni tad-danni fil-proceduri civili ma giex osservat il-principju *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*.

**51.** Dan, bhala fatt, ma rrizultax. Il-Qorti ta' prim' istanza fil-proceduri civili kellha quddiemha prospett li jispjega dettaljatament u bil-gurament tal-attur id-danni li sofra l-istess attur (l-appellat Dr. Zammit Tabona f'dan l-appell) konsegwenza tal-ghemil tar-rikorrent appellant. Il-Qorti civili msemmija, wara li fliet l-istess prova guramentata mressqa mill-attur, kienet tal-fehma li parti mill-istess danni reklamati kienu gew pruvati fil-grad li trid il-ligi waqt li rriteniet li parti mill-istess danni reklamati ma kienux gew hekk pruvati skont il-ligi. Ghalhekk, is-sottostrat ta' fatt mehtieg biex jigi sostnut dan l-aggravju ma giex pruvat skont il-ligi u ghalhekk dan l-aggravju ma jistax jigi akkolt.

*instab responsabbli ta' serq minghajr ma kellu l-garanziji procedurali u probatorji applikabbli fil-kaz ta' akkuzi ta' reati kriminali*

**52. Fis-sitt aggravju** tieghu ir-rikorrent appellant jilmenta li ghalkemm il-proceduri mehuda kontra tieghu kienu ta' natura civili huwa, ghad li ma kien hemm ebda sejbien ta' htija fih minn Qorti ta' kompetenza kriminali nstab responsabbli ta' serq minghajr ma gew applikati l-garanziji procedurali u probatorji applikabbli fil-kaz ta' akkuzi ta' reat.

**53.** In kwantu ghal dan l-aggravju din il-Qorti ser tillimita ruhha ghall-dawk l-aspetti tieghu li huma relevanti sabiex tikkunsidra hemmx vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq taht l-artikolu 6(1) u ma hix ser tikkunsidra f'dan l-istadju l-aspetti ta' dan l-aggravju li jincidu fuq l-allegazzjonijiet tar-rikorrent ta' vjolazzjoni tal-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni li specifikatament

jirregolaw id-dritt ghall-prezunzjoni tal-innocenza ta' persuna akkuzata b'reat kriminali.

**54.** Ghall-fini ta' dan l-aggravju, in kwantu hu koncernat l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, ir-rikorrent appellant jikkoncedi li l-proceduri in kwistjoni kienu proceduri civili. Ir-rikorrent appellant iserrah l-allegazzjoni tieghu li nstab hati ta' reat kriminali fuq il-kliem fis-sentenza tal-Qorti ta' prim' istanza, konfermata mill-Qorti tal-Appell, fejn tghid illi "… l-konvenut kien ha sehem fis-serqa li saret mid-dar tal-attur fit-12 ta' Mejju 1995".

**55.** Kif gia stabbilit minn din il-Qorti aktar kmieni f'din is-sentenza meta kienet qed tikkunsidra l-ewwel zewgt aggravji u t-tmien aggravju tal-appellant, din il-Qorti ma tirravizax li hemm xi nuqqas ta' smigh xieraq fil-fatt li fi proceduri civili ghall-hlas ta' kumpens ma jigux applikati l-garanziji procedurali u probatorji applikabbli fil-kaz ta' akkuzi ta' reat kriminali anki meta l-kumpens fl-azzjoni civili jkun reklamat dwar ghemil li l-fatti tieghu jkunu l-istess bhal dawk li jaghtu lok ghall-proceduri penali[7].

**56.** Fil-kaz in kwistjoni ma hemmx dubbju li r-rikorrent appellant ma kienx qieghed jigi akkuzat b'reat kriminali ghaliex il-proceduri li dwarhom jilmenta r-rikorrenti kienu proceduri quddiem il-qrati ta' kompetenza civili mentri skont l-ordinament guridiku taghna l-kompetenza fir-rigward ta' persuna akkuzata u li qed tigi processata b'reat kriminali hi vestita unikament fil-qrati ta' kompetenza kriminali li ma ghandhom ebda kompetenza, kuntrarju ghas-sitwazzjoni taht l-ordinament guridiku ta' numru ta' pajjizi ohra, li jiddeterminaw u jillikwidaw d-danni sofferti konsegwenza ta' ghemil dannuz. Inoltre, fil-kaz ta' persuna ritenuta responsabbli ta' reat kriminali il-konsegwenza hi wahda mis-sanzjonijiet previsti fl-artikolu 7 tal-Kodici Kriminali li ebda wahda minnhom ma kienet applikabbli ghall-persuna misjuba responsabbli fil-proceduri civili in kwistjoni.

---

[7] Ara #38 *supra* u s-sentenzi ċitati f'*footnote* n. 2

**57.** Ghall-motivi premessi din il-qorti ma ssibx dan l-aggravju fondat in kwantu ghall-allegata vjolazzoni tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

*aktar dwar il-grad tal-prova*

**58.** Is-**seba' aggravju** jikkonisisti sostanzjalment f'impostazzjoni ftit diversa tal-ewwel, it-tieni u s-sitt aggravju fuq trattati u janticipa wkoll it-tmien aggravju. Ghalhekk dak li gia inghad f'din is-sentenza dwar l-aggravji msemmija jaghmel ukoll ghal dan is-seba' aggravju. Ghandu jizdied, izda, li ma hux korrett l-appellant fejn jallega li r-responsabbilita` ghad-danni kienet tiddependi necessarjament mis-sejbien ta' htija ta' reat kriminali. Di fatti minn mkien ma jirrizulta li l-Qrati civili ddikjaraw li sabu xi htija ta' reat kriminali u f'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel riferenza ghall-kunsiderazzjonijet taghha premessi partikolarment dwar is-sitt aggravju. Anqas hu korrett l-appellant fejn jallega li l-grad ta' prova ghal sejbien ta' htija jrid necessarjament ikun oltre kull dubbju ragonevoli altrimenti ma jkunx hemm smigh xieraq. Mkien ma jirrizulta li sabiex is-smiegh fi process dwar reat kriminali ikun wiehed xieraq il-grad tal-prova mehtieg ghal sejbien ta' htija jrid necessarament ikun "oltre kull dubbju ragonevoli". Dak li jirrikjedi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni f'termini ta' smiegh xieraq hu li l-gudikant ma jkunx *ab initio* gia perswaz mill-htija tal-persuna imputata jew li jkollu minn qabel idejh marbuta mill-ligi li necessarjament irid isib htija fl-imputat u li l-grad tal-prova milhuq ikun tali li jipperswadi lill-gudikant mill-htija tal-imputat, jissejjah x'jissejjah dan il-grad ta' prova. Fi kwalunkwe kaz, dak li kjarament jirrizulta mis-sentenzi tal-qrati civili hu li l-qrati taz-zewg istanzi ma kellhom ebda dubbju dwar ir-responsabbilita` tar-rikorrent ghall-ghemil attribwit lilu u li kien jirrendih responsabbli ghall-hlas tal-kumpens konsegwenzjali.

*responsabbilita` allegatament msejjsa fuq ir-reita' tal-applikant u l-grad tal-prova*

**59.** Din il-Qorti hi tal-fehma li, salv dak li ser jinghad aktar 'l quddiem in konnessjoni ma' l-allegata vjolazzjoni tal-

artikoli 6(2) tal-Konvenzjoni u 39(5) tal-Kostituzzjoni riferibilment ghad-dritt ghall-prezunzjoni tal-innocenza, l-kunsiderazzjonijiet opportuni fir-rigward tat-**tmien aggravju** gia saru in konnessjoni mal-aggravji precedenti u din il-Qorti ma ghandhiex xi zzid maghhom.

**60.** Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-aggravji tar-rikorrent appellant fil-konfront tad-decizjoni appellata in kwantu jikkoncernaw l-allegata vjolazzjoni tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni qieghdin jigu respinti.

***L-allegati vjolazzjonijiet tal-artikolu 39(1) u 39(2) tal-Kostituzzjoni***

*Preliminari*

**61.** Din il-Qorti anqas ssib konsiderazzjonijiet godda x'taghmel rigward l-allegati vjolazzjonijiet tal-artikoli 39(1) u 39(2) tal-Kostituzzjoni li mhux gia saru fil-kors tad-deliberazzjonijiet taghha f'din is-sentenza in konnessjoni mal-allegata vjolazzjoni tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

**62.** Ghaldaqstant l-istess aggravji fuq imsemmija qieghdin jigu wkoll respinti in kwantu jikkoncernaw l-allegati vjolazzjonijiet tal-artikoli 39(1) u 39(2) tal-Kostituzzjoni.

***L-allegati vjolazzjonijiet tal-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni***

**63 .** Din il-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra dawk l-aspetti tal-aggravji tal-appellant li jincidu b'xi mod fuq l-allegati vjolazzjonijiet tal-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni. Dawn id-dispozizzjonijiet jistabilixxu d-dritt fundamentali ta' persuna akkuzata b'reat kriminali ghall-prezunzjoni tal-innocenza u l-aggravji tal-appellant li fil-fehma tal-Qorti ghandhom xi riflessi fuq dawn id-depozizzjonjiet huma is-sitta, is-seba' u t-tmien aggravju li permezz taghhom l-appellant jallega li huwa effettivament instab hati tar-reat kriminali ta' serq minghajr ma gie ppruvat hati skont il-ligi. Din hi allegazzjoni li giet vjolata fil-konfront tieghu il-prezunzjoni tal-innocenza li tigi vjolata, inter alia, meta jkun hemm decizjoni gudizzjarja li tirrifletti l-opinjoni li

persuna tkun hatja ta' reat kriminali minghajr ma dik il-persuna tkun giet ippruvata hatja skont il-ligi[8]. Dan jista' jigri anki minghajr ebda dikjarazzjoni formali ta' htija u hu bizzejjed li jkun hemm xi ragunament li jissuggerixxi li l-qorti tikkunsidra lill-akkuzat hati.

**64.** Gia gie determinat f'din is-sentenza[9] li l-appellant ma kienx jinsab akkuzat b'reat kriminali ta' serq jew xort'ohra fil-proceduri li minnhom jilmenta. Jidher li l-appellant qieghed iserrah l-allegazzjoni tieghu li l-qrati civili fis-sentenzi li minnhom jilmenta kienu effettivament sabuh hati tar-reat kriminali ta' serq fuq dik il-parti tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta' Ottubru, 2006 – konfermata mill-Qorti tal-Appell -- fejn dik il-Qorti kkonkludiet "illi l-konvenut kien ha sehem fis-serqa li saret mid-dar tal-attur fit-12 ta' Mejju 1995". Din il-Qorti, izda, ma hix tal-fehma li din il-konkluzjoni ta' dik il-Qorti tammonta ghal jew timplika imputabilita' ta' htija ta' natura kriminali ghar-reat kriminali ta' serq. Di fatti, fis-sentanza taghha dik il-Qorti, minnufih wara l-kliem citati ghaddiet biex taghmilha car li ma kienetx qed timputa xi htija kriminali meta ssoktat izzid "u, wara li rat l-art. 1049 tal-Kodici Civili, tghid illi l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni kollha li garrbu l-atturi". Fi kliem iehor, is-sejbien tar-responsabbilita` tal-appellant min-naha tal-Qorti Civili nbena kollu kemm hu fuq id-dispozizzjoni relattiva tal-Kodici Civili dwar ir-responsabbilita` akwiljana li titnissel mid-delitt u mhux fuq ir-responsabbilita` penali li titnissel mill-Kodici Kriminali.

**65.** L-artikolu 1049 tal-Kodici Civili li ghalih irreferiet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili jipprovdi:
"**1049.** (1) Meta zewg persuni jew izjed jkunu dolozament ghamlu hsara, l-obbligazzjoni taghhom ghall-hlas ta' dik il-hsara hija *in solidum*.

(2) Meta xi whud minn dawn ikunu mxew dolozament, u ohrajn le, dawk tal-ewwel huma kollha obbligati in

[8] ECHR: Barbera, Messegue and Jabardo v Spain; 6/12/1988, #90
[9] Ara #56 *supra*

solidum, u kull wiehed mill-ohrajn huwa obbligat biss ghal dik il-bicca tal-hsara li huwa nnifsu jkun ikkaguna".

Dan l-artikolu jinsab f'dik il-parti tal-Kodici Civili intestata "Fuq id-Delitti u Kwazi Delitti" jew bl-Ingliz "Of Torts and Quasi-Torts". Li jinghad li persuna ppartecipat f'serqa ma jfissirx li qed tigi imputat lilu responsabbilita` kriminali. Ir-riferenza ghall-aritkolu 1049 imsemmi hi bizzejjed biex taghmilha cara li l-unika responsabbilita` li qed tigi imputata lill-appellant hi wahda civili u mhux penali. Il-fatt li l-ghemil ta' persuna li jaghti lok ghal kumpens taht id-dritt civili li jirrigwarda t-*torts* jew *quasi-torts* jkun kostitwit mill-istess elementi oggettivi li jammontaw ghal reat kriminali ma hux bizzejjed biex ikun jista' jinghad li dik il-persuna qed tinsab responsabbli ta' reat kriminali[10]. Il-qrati civili f'dan il-kaz ghamluha cara li l-appellant kien qieghed jigi ritenut risponsabbli biss civilment ghal ghemil ta' delitt jew kwazi delitt (*tort or quasi tort*) civili u mhux ta' xi reat kriminali. Il-proceduri in kwistjoni kienu unikament u eskluzivament proceduri ta' natura civili ghal kollox indipendenti minn xi proceduri penali u b'ebda mod ma kellhom l-icken affinita' ma' tali proceduri u ghalhekk b'ebda mod ma jista' jkun hemm xi konfuzjoni jew ambigwita' dwar in-natura civili tar-responsabbilita` li kienu qed jirriskontraw il-qrati civili in kwistjoni[11].

**66.** Ghalhekk, in kwantu migjuba biex jappoggjaw l-allegazzjoni tal-appellant ta' vjolazzjoni tal-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39(5) tal-Konvenzjoni, l-aggravji tal-appellant qieghdin ukoll f'dan ir-rigward jigu respinti.

**67.** Peress li gew respinti l-aggravji kollha tal-appellant l-appell tieghu ser jigi michud u s-sentenza appellata ser tigi konfermata.

**Decide**

Ghall-motivi premessi il-Qorti tichad l-appell tar-rikorrent appellant Carmelo sive Charles Saliba u tikkonferma s-

---

[10] ECHR Diacenco v Romania; 7/2/2012 #58

[11] Kost 25/5/2010 fil-kawża Frans Vella v Avukat Ġenerali

sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------